San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – Il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

2.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li ilu ħafna jiġri wara l-kuntrattur Richard Cauchi biex il-funtana tibda tixgħel kif suppost u dan ta' kull darba jgħidlu li jrid jiġi s-supplier mingħand minn xtraha minn Malta. Il-Kunsill kkundanna dan id-dewmien għax-xoghol rikjest pero s-Sindku qal li ser ikompli jiġri warajh.

2.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgha li kellu mal-Inġinier ta' Galeacurmi rigward il-lampi l-ġodda fil-lokal. Huwa semma' li saru xi lampi ġodda u talab lill-kunsilliera biex jekk xi ħadd jilmenta li hemm xi lampi mhux qed jixgħelu, ifisser li huma dawk li ġew installati dan l-aħħar għax għadhom mhumiex qed jixgħelu. Huwa semma' li Triq San Lawrenz ser tiġi mdawwla tajjeb ħafna. Il-kunsilliera Carmen Grima enfasizzat biex ma ngħollux il-qawwa tad-dawl. Is-Sindku semma' li din hija sistema nazzjonali u trid tkun konformi mal-policy.

2.4 Il-kunsillier Franco Buhagiar talab sabiex il-Kunsill ikompli jiġri wara l-Ministeru għal Ghawdex biex tingħata t-tieni kisja ta' Triq San Lawrenz. Is-Sindku rrefera għall-email iebsa li bgħat lill-Ministru għal Għawdex, f'dan ir-rigward u li tagħha għadna ma ħadniex risposta.

2.5 Is-Sindku rrefera għall-expression of interest li ġiet sottomessa mill-Kunsill taht Priority Axis 4 u 5 tal-Unjoni Ewropea. Bħala proposta intefgħa l-proġett ta' panelli fuq il-kapella ta' Sant'Anna u dik ta' paving tad-dawra tal-purċissjoni.

2.6 Sar qbil li għandha tinkiteb ittra lill-Prim Ministru rigward il-ħtieġa tat-twaqqif mill-ġdid tad-Dwejra Management Board. Il-Kunsilliera Carmen Grima enfasizzat biex inkomplu niġru wara dawk il-funds li ġew imwegħda għad-Dwejra waqt laqgħa organizzata mill-Mepa u li fiha hi rraprezentat lill-Kunsill. Il-Kunsillier Franco Buhagiar rrefera għall-kuntatt li kellu minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex fejn saqsewh dwar kif kien kompost id-Dwejra Management Committee ta' qabel. Is-Sindku qal li huwa ma huwiex konxju dwar dan l-interess minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex, pero ser jibgħat lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar min minn kien kompost il-Management Board ta' qabel. Is-Sindku rrefera għad-dizastru li hemm fid-Dwejra f'dak li huwa dizorganizazzjoni ta' parkeġġ u latrina pubblika li mhix accettabbli. Huwa fakkar fl-email li bagħt lill-Prim Ministru dwar din il-problema.

2.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li nżammet maż-żgħażagħ għat-twettiq ta' Young Enterprise. Huwa semma' li kif f'din il-laqgħa ġew spjegati lilhom kif jistgħu anke minn servizzi żgħar joħolqu kumpanija billi biha joħolqu servizz li jistgħu jħallu ntrojtu. Rappreżentant tal-ETC kien preżenti għal din il-laqgħa fejn ħeġġeġ liż-żgħażagħ jaħdmu id f'id mal-Kunsill biex f'din l-inizjattiva. Is-Sindku semma' kif il-kunċett ta' din l-intrapriza huwa li ż-żgħażagħ mhux ifittxu x-xogħol imma joħolquh. Is-Sindku semma' wkoll li ser jieħu grupp ta' żgħażagħ għal "Start up programme' activity li ser issir f'Malta.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Ġiet trattata l-email mingħand l-artist tal-Monument ta' Dun Ġużepp Cauchi fejn ġibed l-attenzjoni tat-telqa li jinsab fih il-monument fosthom li hemm ittri neqsin, li l-bust għandu bżonn dawra u telqa kbira fil-ġnien ta' warajh. Sar qbil li għandhom jinxtraw il-lettering meħtieġ u li ssir manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill, Lino u Vitor. Sar qbil li għandha tintbgħat email lis-Sur Scerri u naraw x'inhu jissuġġerixxi eżatt li jsir għal monument.

3.2 Ġiet trattata t-talba tal-iskrivana tal-Kunsill Carmen Micallef sabiex f'Settembru tkun tista tingħata long vacation leave peress li tixtieq tmur l-Awstralja. Il-Kunsill approva t-talba tagħha fid-dawl li l-uffiċċju jkun jista jinfetaħ regolarment mill-ħaddiema tal-iskema Sharon Mizzi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill kif Sharon qed tkun impjegata mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ETC u tagħmel xogħol kemm ta' tindif kif ukoll klerikali bi qbil magħha stess.

3.3 Ġew trattati l-ittri mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn l-applikazzjonijiet għall-attivitajiet kulturali proposti mill-Kunsill għas-Sajf bl-isem "Abba Rhythms" u "Live mill-Pjazza" ma ġewx aċċettati.

3.4 Ġiet trattata l-ittra mingħand Frank Buhagiar tal-KNPD rigward l-istat ħażin li tinsab fiha l-latrina tad-Dwejra u li mhix aċċessibli għall-persuni b'diżabilita. Sar qbil li l-Kunsill għandu jressaq din it-talba lid-Direttur Mark Formosa fil-Ministeru għal Għawdex.

3.5 Sar qbil li għandha tinbidel tabella fejn Sqaq Nru 1 f' Daħlet il-ġnien biex fiha tinbidel il-vleġġa. Sar qbil li għandha tiġi ordnata tabella bid-direzzjoni Victoria fejn il-knisja u oħra bid-direzzjonijiet Victoria u Dwerja fil-pjazza, fil-bidu ta' Triq id-Duluri. Is-Sindku propona li dawn li ser jiġu nstallati fil-pjazza għandhom isiru fuq arblu stil l-arbli tad-dawl diġa eżistenti. Sar qbil li għandna niġbru stima għalihom.

## 4.0 Żviluppi fuq il-bini ta' Ċentru Ċiviku

4.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgha li kellu mal-Perit Shawn Micallef u mas-Segretarja rigward il-possibilita' li jinbena Ċentru Ċiviku. Ċiet ikkunsidrata li tittranġa l-parti fejn hemm il-librerija u c-Childcare Centre iżda l-perit ma kienx tal-parir li jsir dan għax xorta jinvolvi spejjes kbar, minħabba l-istat strutturali tal-binja. Il-Perit issuggerixxa li tinbena l-ħofra li hemm fl-iskola għax spejjes bi spejjes ikollok aktar spazju komdu fejn iddaħħal kull servizz.

4.2 Il-Kunsilliera Carmen Grima għamlet ir-riservi tagħha f'din l-opinjoni għax stqarret li tħoss li l-latrina pubblika u l-għassa tal-pulizija jkun aktar xieraq li jkun aktar 'il barra lejn it-triq. Is-Sindku spjega kif din il-ħaġa ma tibqax problema ladarba jinqala' l-ġnien ta' quddiem u tiġi fetħa li titqies bħala pjazza u tiġi kkunsidrata bħala open space ieħor għall-pubbliku. Huwa semma' kif il-gate tal-iskola jinqala' u jiġi rtirat'l ġewwa fejn illum hemm ir-rampa. Dak il-hin il-Kunsill għamel żjara fuq il-post u sar qbil li għandu jkompli għaddej bil-preparamenti tiegħu skont kif spjegat. Il-Kunsill argumenta li jekk iċ-ċentru jsir fil-ħofra li jinkorpora kollox fih u l-gate tal-iskola eżistenti tinfetaħ, il-lokalità tkun qed tiġġwadanja spazju miftuħ, aktar spazju għal parking, aktar sigurtà għall-iskola u jisebbaħ r-raħal. Id-daħla eżisteni (li magħluqa bil-gate) għandha ssir triq oħra. Il-Kunsill irrefera għall-pjanta preliminarja magħmula mill-Perit u sar qbil li għandhom jiċċekknu fil-qies kemm l-għassa tal-pulizija kif ukoll il-klinika. Sar qbil ukoll li għandu jingħata bidu għall-proċess tad-devoluzzjoni.

## 5.0 Proposta ta' Childcare Centre f'San Lawrenz

5.1 Is-Sindku rrefera għall-proposta offruta minn Charmaine Grima li qegħda tibni Childcare Centre f'San Lawrenz. Hija talbet lil-Kunsill jekk iridx jerġa japplika

flimkien magħha għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li lest li jisma l-proposti tagħha u jikkunsidrahom wara li jiltaqa' magħha.

## 6.0 Ħatra ta' Evaluation Board għall-offerta tal-Playing field

6.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li t-tenders ġew miftuħa online minnu u mill-kunsillier Franco Buhagiar. It-tenders sottomessi kienu kif gej:

- Road Construction għall-prezz ta' €137,5116.92 inkluż il-VAT
- Joe Grima għall-prezz ta' €104,996.11 inkluż il-VAT

6.2 Il-Kunsill qabel li għandu jagħzel l-Evaluation Board biex janalizza l-offerti mitfugħa. Sar qbil li bħala Chairperson ikun is-Sur Francis Cauchi, bħala evaluators ikunu l-Inġinier Josef Micallef, il-Perit Shawn Micallef u l-Avukat Joshua Grech. Bħala Segeretarja għandha tkun is-Segretarja tal-Kunsill Lucienne Haber.

## 7.0 L-attivita' l-iSwejjaq

7.1 Is-Sindku semma' li l-preparamenti bl-għajnuna tal-għaqdiet mexjin ġmielhom. Bħala reklamar miexi tajjeb ħafna u jidher li hawn aspettattiva tajba ħafna mill-pubbliku.

7.2 Sar qbil li bħala hawkers importanti li jkunu varjati u jkun jinkludu bejjiegħ tal-hut, tal-ħxejjex, tax-xtieli u ħwawar, prodotti lokali, bizzilla, ikel tradizzjonali u artiġjanat. Sar qbil li l-attivita' għandha ssir nhar it-12 ta' Ġunju bejn it-8:00 u s-13:00.

## 8.0 Materji oħra

8.1 Is-Sindku rrefera għal-kuntatt li kellu mill-Free Diving Centre fid-Dwejra fejn esprimew ix-xewqa tagħhom li jagħmlu użu mill-generator taċ-Ċentru tad-Dwejra u jħallsu tal-konsum u tas-servizz. Is-Sindku fisser kif din il-kumpanija hija niċċa oħra ta' turizmu għall-pajjiżna u kif huwa l-obbligu tal-Kunsill li jissapportja dawn l-incentivi fil-lokal tiegħu. Huwa semma' li peress li dejjem issemma' li l-generator jinħtieg aktar load ta' elettriku biex inqas jagħmel hsara, din il-proposta tkun ta' akkwist għal Kunsill u ttaffi xi ftit l-ispejjes iġġenerati in konnessjoni mal-immaniġjar taċ-Ċentru tad-Dwejra. Barra minn hekk inkunu qed innaqqsu l-possibilita li jsir generator ieħor fil-pjazza b'dannu għall-impatt estetiku u ambjentali tal-post. F'dan ir-rigward ġiet trattata l-email mingħand l-Inginier Josef Micallef fejn intalab jagħti l-parir tiegħu f'dan ir-rigward u qal li din l-intrapriza ma ghandiex bzonn aktar minn supply ta 20 AMPs kuljum. Il-Kunsill iddiskuta kif ikun l-ahjar li jithallas l-fuel; jekk jitħallasx kont mill-Kunsill u kont huma u jagħti xi donazzjoni liċ-Ċentru kull xahar għall-uzu tal-generator. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ftehim u li fih jittieħdu inkonsiderazzjoni l-fatt kif ser

tinqasam l-ispiża jekk issir hsara lill-generator, kull sena tiġi riveduta l-kera, il-fuel jiġi ordnat mill-Kunsill biex ikollna rendikont ċar. Sar qbil li għandu jsir draft tal-ftehim u għandu jerġa jiġi diskuss anke mas-sidien u nieħdu l-parir tad-dipartiment biex inkunu konformi mal-liġi.

8.2 Sar qbil li għas-sajf għandhom isiru diversi korsijiet edukattivi. Sar qbil li għandhom isiru Saturday Club, kors tal-arti għall-adulti, kors tat-taljan bażiku, ħjata ta' purtieri ( f'Ottubru), kors tat-tiżjin ta' kejkijiet tal-Milied (f'Ottubru). Sar qbil li għandhom jinħarġu l-applikazzjonijiet sabiex naraw x'nteress ikun hemm.

8.3 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa rrefera għat-talba li huwa għamel dwar min żabar is-sigar taż-żebbug fil-Belveder Colle Umberto. Huwa jixtieq li jiġi verifikat mas-Sur Joseph Piscopo dwar min mar jiżborhom u nenfasizzaw ma' dak li diġa kien deċiż jiġifieri li s-siġar taż-żebbuġ isir iż-żbir tagħhom meta suppost.

## 9.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

9.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 13 ta' Marzu 2016 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**